# Sejħa għal Applikazzjonijiet: Parteċipazzjoni fil-Farmers Market 2025

Il-Malta Food Agency tistieden bdiewa reġistrati u organizzazzjonijiet eliġibbli ta' bdiewa, sajjieda u produtturi biex japplikaw sabiex jipparteċipaw fil-Farmers Markets rikonoxxuti uffiċjalment, skont ir-**Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 117.31)**.

Il-Farmers Market għandu l-għan li jipprovdi pjattaforma aċċessibbli li tippermetti lill-bdiewa u lill-produtturi lokali jbigħu l-prodotti agrikoli tagħhom direttament lill-konsumaturi. Dan il-mudell jiżgura remunerazzjoni ġusta għall-bdiewa u produtturi filwaqt li jipprovdi lill-konsumaturi aċċess għal prodotti friski u ta' kwalità għolja bi prezzijiet kompetittivi. Barra minn hekk, il-Farmers Market irawwem it-trasparenza u l-fiduċja billi jiffaċilita l-komunikazzjoni diretta bejn il-produtturi u l-konsumaturi, u jippermetti aktar għarfien tal-oriġini u l-kwalità tal-prodott.

Individwi, organizzazzjonijiet, kooperattivi, assoċjazzjonijiet u gruppi rappreżentattivi interessati huma mħeġġa jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom flimkien mad-dokumenti mitluba abbażi tal-linji gwida u l-kriterji tal-eliġibbiltà kif ġej.

## Informazzjoni Bażika fuq il-Farmers Market

**<u>Posti/Spazji Disponibbli</u>**

Farmers Market Ta' Qali: **30 posta**
Farmers Market Kottonera: **15-il posta**

Il-Malta Food Agency tirriżerva d-dritt li żżid l-ammont ta' posti, jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu li dan iseħħ. F'dak il-każ, il-kandidat fil-lista ta' stennija li jkun imiss jiġi kkuntattjat.

L-ispazju allokat għall-posta kif speċifikat mil-leġiżlazzjoni attwali (30 m$^2$) se jiġi pprovdut mill-Aġenzija. Biex isir użu aħjar miż-żona disponibbli, tiġi kkunsidrata wkoll il-prattika tas-sit. Jekk id-detentur tal-permess ma jurix impenn li jopera l-posta tiegħu fis-suq tal-bdiewa kif stipulat f'L.S. 117.31, il-Malta Food Agency għandha l-awtorità li tipprovdi l-posta jew l-ispazju lill-applikant li jmiss fuq il-lista ta' stennija.

Sabiex tiġi żgurata varjeta ta' prodotti offruti għall-bejgħ, l-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu taħt kategoriji differenti:

1. **Frott u ħxejjex friski (inkluż faqqiegħ) – 50%**
2. **Prodotti mit-trobbija tal-annimali: laħam (majjal, ovini, bovini, tjur), bajd u prodotti tal-ħalib – 25%**
3. **Prodotti Sekondarji u Għasel, Żejt taż-Żebbuġa, Ġulepp tal-Ħarrub: 15%**
4. **Prodotti Organiċi: 10% (iċ-ċertifikazzjoni tal-MCCAA tal-biedja organika hija meħtieġa)**

Malta Food Agency, Pitkalija Road,
Ta' Qali l/o Attard, ATD 4000, Malta
VAT No: MT 2810 3626 | Tel: 00356 2292 6112
foodagency.mt | info.maltafoodagency@gov.mt

NCPE EQUALITY CERTIFIED

**Il-persentaġġi msemmija hawn fuq qegħdin hemm biex iservu ta' referenza u l-Malta Food Agency żżomm id-dritt li tbiddilhom skont il-każ jekk in-numru ta' applikazzjonijiet eliġibbli għal kategorija partikolari ma jilħaqx in-numru fil-mira.**

**Ġranet u ħin tal-ftuħ tal-Farmers Markets**

Farmers Market Ta' Qali*:

**Post:** Triq San Ġakbu, Ħ'Attard
https://maps.app.goo.gl/FsHxfEVXDQ4cWE4h9
**Ġranet u ħin tal-ftuħ: it-Tlieta u s-Sibt mis-07:00 sat-15:00**

*Il-Malta Food Agency tinsab fil-proċess li ssib post alternattiv minħabba l-bini tal-proġett tal-Farmers Market il-ġdid.

Farmers Market Kottonera:

**Post:** Triq il-Ġublew tal-Fidda, Birgu/Bormla.
https://maps.app.goo.gl/55Jos6yJzSN6HxHcA
**Ġranet u ħin tal-ftuħ: is-Sibt mis-07:00 sal-11:30**
Il-posti għandhom jintramaw u jibdew joperaw mis-07:00 am.

## Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan id-dokument, id-definizzjonijiet ta' hawn taħt għandhom jiġu kkunsidrati skont l-intenzjonijiet tal-L.S. 117.31

"**Prodott agrikolu lokali**" tfisser kull prodott agrikolu kkoltivat jew imkabbar ġewwa Malta, jew ħut żbarkat Malta, u jinkludi prodotti ġejjin direttament minn dawk il-prodotti primarji lokali mis-setturi tal-agrikoltura, tat-trobbija tal-annimali jew tas-sajd;

"**Detentur ta' permess**" tfisser persuna jew entità li jkollha permess biex topera posta fil-Farmers Market;

"**Kampjuni**" tfisser selezzjoni ta' xi porzjon, għadd ta' kontenituri jew unitajiet ta' prodotti minn xi lott partikolari tal-istess ikel jew ta' xi sustanza oħra fir-sors tal-ikel;

"**Applikant**" tfisser persuna jew entità li tapplika għall-allokazzjoni ta' posta biex tipparteċipa fil-Farmers Market.

## Eliġibilità u Preferenzi tal-Għażla

Bdiewa, produtturi, organizzazzjonijiet, koperattivi, assoċjazzjonijiet u gruppi rappreżentattivi eliġibbli biex japplikaw għal permess biex joperaw posta fil-Farmers Market iridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

1. **Rekwiżiti ta' Eliġibilità**:

    a) Persuna reġistrata bħala bidwi full-time jew part-time. Sal-aħħar tas-sena 2025 il-persuna għandha tipprovdi ċertifikat ta' kategorizzazzjoni ta' waħda mill-kategoriji 3, 4 jew 5 skont l-L.S. 639.10 ippubblikat fl-2024

    b) Organizzazzjonijiet, kooperattivi, assoċjazzjonijiet u gruppi rappreżentattivi kostitwiti fis-settur tal-biedja jew sajd li jbigħu prodotti agrikoli kkultivati jew imkabbra f'Malta mill-membri tagħhom; jew ibigħu ħut żbarkat f'Malta mill-membri tagħhom; jew jipproduċu prodotti li jkunu derivattivi diretti ta' prodotti primarji lokali agrikoli, tat-trobbija tal-annimali jew tas-sajd

    c) Persuna li tipproduċi prodotti li huma derivattivi diretti ta' prodotti primarji lokali agrikoli, tat-trobbija tal-annimali, jew tas-sajd

2. **Ineliġibilità:**

Individwi li jkollhom liċenzi ta' bejjiegħa fit-toroq, bejjiegħa fis-swieq, bejjiegħa bieb bieb, jew busking taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (L.S. 441.07) jew li jkollhom permessi jew liċenzi biex jixtru prodotti agrikoli minn ċentru tas-swieq tal-prodotti agrikoli, bħall-Pitkalija, mhumiex eliġibbli biex jiksbu permess biex joperaw posta fil-Farmers Market jew biex jaġixxu bħala sostituti jew assistenti għad-detenturi tal-permessi.

Biex ikunu eliġibbli, l-applikanti għandhom jipprovdu ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta datat mhux qabel xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni.

## Preferenzi tal-Għażla

Matul il-proċess tal-għażla, tingħata preferenza lil:

1) Organizzazzjonijiet, koperattivi, assoċjazzjonijiet u gruppi rappreżentattivi kostitwiti fis-settur tal-agrikoltura jew tas-sajd li jbigħu prodotti agrikoli kkultivati jew imkabbra lokalment mill-membri tagħha; jew jipproduċu prodotti li jkunu derivattivi diretti ta' prodotti primarji lokali agrikoli, tat-trobbija tal-annimali jew tas-sajd; jew ibigħ ħut żbarkat f'Malta.

2) Bdiewa reġistrati full-time u part-time li m'għandhomx permess biex joperaw posta f'ebda sit ta' Farmers Market.

3) Bdiewa, produtturi, organizzazzjonijiet, koperattivi, assoċjazzjonijiet u gruppi rappreżentattivi kostitwiti fis-settur tal-agrikoltura jew tas-sajd li joffru prodotti diversi, innovattivi u staġjonali li jtejbu l-varjetà disponibbli fis-swieq.

## Proċess tal-Għażla

L-għażla ssir kif ġej:

1. **Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

    - Bdiewa, organizzazzjonijiet, koperattivi, assoċjazzjonijiet u gruppi rappreżentattivi interessati għandhom jimlew il-formola tal-applikazzjoni uffiċjali, li tista' titniżżel mis-sit elettroniku uffiċjali tal-Malta Food Agency https://foodagency.mt jew tinġabar personalment mill-Uffiċċju tal-Market Regulation tal-Malta Food Agency (mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-08.00 am u 12.00 pm) u jissottomettuha flimkien mad-dokumentazzjoni mitluba fl-istess uffiċċju (mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00 am u 12.00 pm) jew permezz tal-email fuq farmersmarket@gov.mt

    - Il-Malta Food Agency tirriserva d-dritt li ssejjaħ lill-applikanti għal intervista wiċċ imb wiċċ, li tagħmel spezzjoni fuq is-sit sabiex tara l-produzzjoni u l-ħażna tal-prodotti maħsuba biex jinbiegħu u, jekk ikun hemm bżonn, li tiġbor kampjuni ta' prodotti maħsuba biex jinbiegħu sabiex tiddetermina jekk il-prodott jilħaqx l-istandards mixtieqa.

2. **Evalwazzjoni tal-Applikazzjonijiet**

    - Is-sottomissjonijiet jiġu assessjati minn kumitat ta' evalwazzjoni abbażi tal-konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibilita' u l-preferenzi tal-għażla kif spjegat fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 117.31.

3. **Notifika u Konferma**

    - L-applikanti li jgħaddu jiġu avżati u mitluba jikkonfermaw il-parteċipazzjoni billi jiffirmaw ftehim bid-dettalji tat-termini, inklużi l-ħlas tal-permess, il-linji gwida marbuta mal-operat, u r-rekwiżiti biex wieħed iżomm konformi mar-regoli. Il-ftehim iffirmat u l-ħlas tal-permess iridu jaslu għand l-Aġenzija mhux aktar tard minn ġimagħtejn mid-data tan-notifika.

4. **Numru ta' Applikazzjonijiet**

    - Jekk in-numru ta' applikazzjonijiet eliġibbli jaqbeż il-posti disponibbli, tiġi applikata sistema ta' punti bbażata fuq il-preferenzi msemmija hawn fuq. Ladarba l-applikazzjonijiet kollha jiġu riveduti, issir laqgħa pubblika u dawk l-applikazzjonijiet li jkollhom l-istess livell ta' preferenza/punteġġ jitilgħu bil-polza.

5. **Lista ta' Stennija**

    - L-ewwel applikanti li jittellgħu se jiġu offruti spazju fil-Farmers Market skont id-disponibbiltà filwaqt li l-bqija tal-applikanti jitpoġġew fuq lista ta' stennija. Il-Malta Food Agency se tinforma lill-applikanti kollha dwar il-pożizzjoni tagħhom fil-lista. Meta posta ssir vakanti jew jiġi stabbilit suq ġdid, jiġi kkuntattjat l-ewwel applikant fil-lista ta' stennija

6. **Numru tal-Posta u Post**
    - Il-postijiet u n-numri tal-posti fil-Farmers Market se jiġu assenjati lid-detenturi tal-permessi mill-Malta Food Agency.

## Linji Gwida Dwar l-Operat

1. **Ħruġ tal-Permess u Lista ta' Stennija**:
    - **Allokazzjoni ta' Posta Speċifika**: permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti huwa assoċjat ma' stalla speċifika waħda ġo Farmers Market.
2. **Tiġdid tal-Permess**:
    - **Tiġdid kull Tliet Snin**: Id-detenturi tal-permessi jridu japplikaw għat-tiġdid tal-permess tagħhom kull tliet snin f'Jannar. It-tiġdid se jkun soġġett għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-permess u r-regolamenti.
3. **Ħlas tal-Permess fis-Sena**:
    - Il-ħlas ta' €77.00 annwali għall-permess ikun dovut fl-1 ta' Jannar ta' kull sena. Il-Market Regulation Unit tal-Malta Food Agency tinforma lid-detentur tal-permess b'dan il-ħlas dovut, u jingħata ċans ta' 45 jum sabiex jiġi mħallas. Jekk id-detentur tal-permess jonqos milli jħallas il-ħlas annwali, l-Aġenzija tista' tirtira l-permess tiegħu/tagħha
4. **Kundizzjonijiet tal-Permess**:
    - **Mhux trasferibbli**: Il-permessi mhumiex trasferibbli.
    - **Rekwiżiti Legali Oħra**: Id-detenturi ta' permess iridu jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli l-oħra kollha.
    - **Lista ta' Permessi**: Lista ta' detenturi ta' permessi se tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.
5. **Regoli tal-Operat tal-Posti**:
    - **Identifikazzjoni**: Id-detenturi tal-permessi, is-sostituti, u l-assistenti jridu jilbsu t-tags ta' identifikazzjoni l-ħin kollu.
    - **Rekords tal-Bejgħ**: Id-detenturi tal-permessi jridu jżommu rekord tal-bejgħ u tal-prodotti kollha offruti mill-posta, u li jkunu disponibbli meta mitluba għall-ispezzjoni.
    - **Kundizzjoni tal-Posta**: Id-detenturi tal-permessi huma meħtieġa li jżommu l-posti u l-vetturi tagħhom f'kundizzjoni tajba, jiżguraw l-iġjene u l-indafa, u jaderixxu mal-istandards tas-saħħa pubblika.
6. **Regoli għas-Sostituti u l-Assistenti**:
    - **Sostituti**: Detentur ta' permess jista' jinnomina sostitut wieħed, li jiġġestixxi l-posta fl-assenza tiegħu. Is-sostitut ma jsirx detentur ta' permess

- **Assistenti**:  Jistgħu jiġu nnominati assistenti addizzjonali, wara li l-ismijiet tagħhom ikunu ġew ippreżentati lill-Aġenzija.
- **Id-detenturi ta' permess, is-sostituti u l-assistenti**  ma jistax ikollhom liċenzi ta' bejjiegħa fit-toroq, bejjiegħa fis-swieq, bejjiegħa bieb bieb, jew busking taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (L.S. 441.07) ) jew li jkollhom permessi jew liċenzi biex jixtru prodotti agrikoli minn ċentru tas-swieq tal-prodotti agrikoli, bħall-Pitkalija.

## Proċedura tal-Applikazzjoni

1. **Dokumenti Rikjesti**:

L-applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni ffirmata billi jużaw il-formola preskritta, li għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- Isem, indirizz, u dettalji tal-kuntatt tal-applikant.
- Kopja tal-karta tal-identità tal-applikant.
- Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija tal-applikant.
- Ċertifikat tal-Food Handling tal-applikant, is-sostitut u l-assistenti.
- Numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT
- Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura u d-daqs tagħha
- Nominazzjoni tas-sostituti u l-assistenti inkluż kopja tal-karta tal-identità tagħhom (fejn japplika)
- Deskrizzjoni tal-prodotti agrikoli li se jkunu qed jinbiegħu
- Employment History tal-applikant maħruġa mill-Jobsplus
- Crop Plan
- Dettalji tal-art agrikola f'isem l-applikant - Parcel ID, I.A.C.S. ċertifikat tar-reġistrazzjoni (Jekk l-art agrikola mhix reġistrata f'isem l-applikant, ikun meħtieġ affidavit minn nutar pubbliku) fejn japplika
- Rikonoxximent uffiċjali tal-Organizzazzjoni, Koperattiva, Assoċjazzjoni jew Grupp Rappreżentattiv fejn applikabbli (reġistrazzjoni, att tal-fondazzjoni, statut, dettalji tal-membri tal-bord, rappreżentant legali u persuna ta' kuntatt)
- Jekk se jsir bejgħ ta' prodotti li huma derivattivi diretti ta' prodotti primarji lokali agrikoli, tat-trobbija tal-annimali, jew tas-sajd, l-applikant jeħtieġ li jipproduċi ċ-ċertifikazzjoni/permessi/liċenzji rispettivi mill-awtoritajiet kompetenti
- Jekk se jinbiegħu prodotti organiċi, l-applikant jeħtieġ li jipproduċi ċ-ċertifikazzjoni tal-biedja organika maħruġa mill-MCCAA. Applikanti li jkunu bdew il-proċess għaċ-ċertifikazzjoni tal-biedja organika mal-MCCAA jistgħu jipproduċu prova li turi l-istatus tal-proċess tal-applikazzjoni tagħhom.

2. **Reviżjoni tal-Applikazzjoni**:

   - L-Aġenzija se tirrikonoxxi li rċeviet l-applikazzjoni mas-sottomissjoni jekk tiġi sottomessa bl-idejn. Applikazzjonijiet sottomessi b'mod elettroniku jiġu rikonoxxuti fi żmien 24 siegħa, esklużi s-Sibtijiet u l-Ħdud. L-applikanti jiġu infurmati dwar l-eliġibilità tagħhom wara li l-applikazzjonijiet jiġu assessjati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni

3. **Għajnuna u Assistenza**:

   - It-tim tal-Market Regulation tal-Malta Food Agency se jkun disponibbli biex iwieġeb il-mistoqsijiet kollha u jipprovdi aktar gwida dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq 2292 6714, 2292 6719, jew 2292 6713 bejn it-08:00 am u 12:00 pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.
   - Kull min għandu bżonn l-għajnuna biex jimla l-applikazzjoni għandu jiskeda appuntament billi jċempel fuq 2292 6714, 2292 6719, jew 2292 6713 bejn it-08:00 am u 12:00 pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

## Informazzjoni Addizzjonali

- **Data tal-ftuħ tas-sottomissjonijiet**: **3 ta' Frar 2025**
- **Għeluq tas-sottomissjonijiet**: **3 ta' Marzu 2025**
- **Notifika tar-riżultati**: **28 ta' Marzu 2025**

## Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi permezz ta':

- **Email**: farmersmarket@gov.mt
- **Bil-posta fuq l-indirizz**: Market Regulation Unit
  Malta Food Agency
  Triq il-Pitkali
  Attard ATD 4000
- **B'mod personali fl-indirizz**: Market Regulation Unit
  Malta Food Agency
  Triq il-Pitkali
  Attard ATD 4000

**Applikazzjonijiet bl-idejn jintlaqgħu mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-08.00 am u 12.00 pm.**